**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 17 ta' Jannar, 2018**

**Talba Nru: 383/2017PM1**

**Rite-Mix (Gatt Bros) Limited (C2821)**

**Vs**

**PKR's Construction Co. Ltd (C62237)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 t'Awwissu, 2017 illi s-socjeta` intimata ghandha tigi kkundannata thallas lil dik attrici l-ammont ta' erbat elef, mija u tmienja u sebghin Ewro u tmenin centezmi (€4178.80) u dan skont ir-rendikont anness mal-istess avviz u mmarkat Dok. 'A' rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' *ready mixed concrete* supplit lill-intimata fuq inkarigu taghha stess skont l-*invoices* u d-*delivery notes* relattivi annessi wkoll mal-istess avviz u mmarkati Dok. 'B' bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1073/2017 u bl-interessi kummercjali kontra s-socjeta` intimata.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti tal-20 t'Ottubru, 2017, 20 ta' Novembru, 2017, 15 ta' Jannar, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra li t-tentattiv da parti tas-socjeta` attrici li tintlahaq soluzzjoni bonarja kif verbalizzat waqt is-seduti tal-20 t'Ottubru, 2017 u tal-20 ta' Novembru, 2017 ma kellux eezitu pozittiv.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2018 u fil-fatt is-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi l-ammont mitlub jinsab pruvat tramite d-dokumenti ezebiti mis-socjeta` attrici u annessi mal-avviz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' erbat elef, mija u tmienja u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€4178.80) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' *ready mixed concrete* supplit lill-intimata fuq inkarigu taghha stess bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1073/2017 u bl-interessi kummercjali kontra s-socjeta` intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**